Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 406/2015

Il-Pulizja

Spt. Sandra Zammit

Vs

Carmelo Sammut

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Sammut detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 229764 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 ghall-habta tas-sebgha w ghaxra ta' filghaxija (07:10pm) gewwa Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar:

1. Volontarjament ikkommetta hsara li tammonta ghal sitt mija w sittin Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€660.47c) fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Platz bin-numru tar-registrazzjoni GBD 198 a detriment ta'Francis Pace.

2. Talli ikkaguna lil Dorianne Sammut biza' illi ser tintuza vjolenza kontriha u kontra l -propjeta' taghha;

3. U talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tal-imputat, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dorianne Sammut, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat CARMELO SAMMUT hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza w ikkundannatu ihallas multa ta' erba' mitt Ewro (€400) filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni (2) akkuza w illiberatu minnha.

Obbligat lill-imputat, taht penali ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) ghall perijodu ta' sitt (6) xhur sabiex izomm il-bon ordni pubblika, ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Sammut pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Settembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma biss dik il-parti fejn huwa gie lliberat mit-tieni imputazzjoni filwaqt li thassara u tikkancellaha fil-bqija taghha u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Carmelo Sammut huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skoretta tal-ligi li wassal biex tinstab htija dwar l-ewwel akkuza u dank if ser jigi spjegat.

Illi kif jirrizulta mill-atti id-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet issolevat argument illi l-ewwel akkuza ma tistax tirrizulta ghaliex il-kwerelanti Francis Pace qatt ma prezenta kwerela fil-konfront ta' l-imputat odjern. Dan

l-argument pero gie skartat mill-Ewwel Qorti peress illi skond l-istess Qorti il-hsara mertu tal-kaz kienet dik li taqa' fil-parametri ta' applikazzjoni tad-dispost tal-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan pero bl-akbar rispett kien zbaljat u erronju u dan ghaliex in effetti kien is-sub-paragrafu (c) u mhux (b) tal-Artikolu 325 (1) illi kien japplika u konsegwentament l-azzjoni kriminali f' dan il-kaz kienet tiddipendi interament fuq il-kwerela tas-sid tal-vettura u cioe' Francis Pace li minn naha tieghu ddikjara espressament illi huwa qatt ma' talab sabiex jittiehdu passi kriminali kontra l-appellant.

L-izball tal-Qorti gie kjarament u evidentement indott mill-fatti illi filwaqt illi l-espert tal-Qorti kien iddikjara illi l-hsara kienet stmata fl-ammont ta' €150 u dan anki a bazi tal-fatt illi l-appellant stess kien ressaq il-prova illi l-hsra in kwistjoni kienet riparabbli bi spiza ta' €150 (VAT, eskluz), huwa ghalhekk allura illi l-Qorti applikat erronjament id-dispost tas-sub paragrafu (b) minflok ta' sub-paragrafu (c) tal-325 li kien allura dak li suppost kellu jigi applikat u kien allura ghalhekk u ghalhekk biss illi l-Qorti cahdet l-argument tad-difiza dwar il-htiega tal-kwerela tal-parti leza li f' dan il-kaz kienet evidentament u manifestament nieqsa. Konsegwentamnet id-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni hija wahda legalment skoretta u ghanda tigi mhassra.

2. Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija dwar it-tielet imputazzjoni peress illi din kienet abbundament preskritta.

3. Illi f' kull kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-appellant gie misjub hazing fuq il-fatti tal-kaz u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti isejjes l-impunjattiva tieghu fil-konfront tad-decizjoni appellata fuq tlett aggravvji, fejn l-ewwel jilmenta minn applikazzjoni skorretta tal-ligi maghmula mill-Ewwel Qorti, imbaghad isostni illi l-ahhar akkuza kienet preskritta bid-dekors ta'tlett xhur mid-data li fih sehh l-

incident bejn il-ko-litigandi u finalment jikkritika l-apprezzament tal-provi kif maghmul fl-imsemmija decizjoni.

Illi fl-ewwel aggravvju minnu imressaq l-appellanti jikkontendi illi ghalbiex jigu immexxija ‘il quddiem dawn il-proceduri penali kien jenhtieg il-kwerela tal-parti leza, liema kwerela ma tirrizultax mill-atti u di piu’ meta xehed il-parti leza Francis Pace huwa spjega illi qatt ma kien ressaq ebda rapport lill-pulizija dwar xi hsara ikkagjonata fuq il-vettura tieghu u li din il-vettura kienet tintuza minn bintu Dorianne Sammut, mart l-appellanti minnu isseparata. Isostni allura illi d-digriet moghti mill-Ewwel Qorti tat-02 ta’ Dicembru 2014 huwa legalment erronju billi gjaldarba kienet mehtiega il-kwerela tal-parti offiza sabiex titmexxa ‘il quddiem l-azzjoni kriminali u gjaldarba meta tmexxiet dina l-azzjoni il-parti leza kienet tidher li hi Dorianne Sammut u mhux missierha Francis Pace li jikkonferma illi qatt ma ressaq rapport lill-pulizija in konnessjoni mal-hsara sofferta fil-vettura tieghu, kwindi dina l-azzjoni kriminali ma tistax tirnexxi.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tghid illi l-appellanti ma ghandux ragun. Illi harsa lejn ir-rapport redatt mill-espert nominat mill-Qorti Joseph Zammit ghandu jirrizulta illi l-hsara sofferta kienet tlahhaq l-ammont ta’ €510.47 u mhux dak ta’ €150 kif indikat erronjament mill-appellanti fir-rikors tieghu ta’l-appell[1]. Dan ifisser allura illi l-azzjoni kellha titmexxa ‘il quddiem *ex officio* mill-pulizija, kif fil-fatt jidher li sehh billi l-istima originali tal-hsara ipprezentata minn Dorianne Sammut lill-pulizija kienet tlahhaq is-somma ta’ €660.47, mil-liema ammont l-espert naqqas s-somma ta’ €150 u dan billi kien hemm xoghol ta’ blending tal-kulur li l-espert ma hassx li kien necessarju billi l-kulur tal-vettura kien ghadu fi stat tajjeb. Illi allura lanqas ghandu ragun l-appellanti meta ighid illi l-emendi ghal Kodici Kriminali li dahhlu fis-sehh bis-sahha ta’l-Att XXIV tal-2014, kienu tali illi ghal prosegwiment ta’ din l-azzjoni kien hemm il-htiega tal-kwerela billi ghalkemm b’tali emenda l-kwerela tal-parti offiza saret necessarja meta il-valur tal-hsara tkun inqas minn €250 u mhux kif kienet precedenti tali emendi fl-ammont ta’ €116.47, madanakollu, kif inghad, mill-atti jirrizulta

[1] Ara rapport a fol.66 tal-process

illi l-hsara kienet tizboq l-limitu preskritt fil-ligi ta' €250 u allura tali kwerela ma hijiex rikjesta. Kwindi huwa evidenti illi dan l-aggravvju huwa ghal kollox infondat u qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti imbaghad isostni illi l-akkuza numru tlieta u cioe' dik kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-paci u ordni pubblika hija preskritta bid-dekors ta' tlett xhur mid-data ta'l-incident. Illi mill-verbal tas-seduta tal-05 ta' Awwissu 2014 jirrizulta illi id-difiza kienet issollevata din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni madanakollu qatt ma giet deciza mill-Ewwel Qorti. Issa bid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-02 ta' Dicembru 2014, kienet giet milqugha t-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni ta'l-akkuza fis-sens illi l-kliem 'Dorianne Sammut' fl-ewwel akkuza dwar il-hsara volontarja kellhom jithassru u jigu sostitwiti bil-kliem 'Francis Pace' u allura ordnat illi l-appellanti jigi innotifikat mill-gdid bl-akkuza kif korretta, u ukoll ordnat illi l-Ufficcjal Prosekutur jerga jahlef l-akkuzi mill-gdid u jsir l-ezami ta'l-imputat skont l-artikolu 370(4) (indikat erronjament mill-Ewwel Qorti bhala 270), u 390(1) tal-Kapitolu 9. Illi mill-atti jirrizulta illi dan qatt ma sehh u l-Qorti ipprosegwiet bis-smiegh tal-kawza. Illi tali procedura madanakollu ma baqghetx wahda necessarja u dan bl-emendi introdotti permezz ta'l-Att VIII tal-2015 meta allura r-reati addebitati lill-appellanti bdew jaqghu taht il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati billi l-pieni marbuta maghhom ma kenux jeccedu is-sentejn prigunerija. Issa id-dottrina u il-gurisprudenza tghallimna illi:

"F'materja kriminali il-ligi procedurali hija min-natura taghha retroattiva. Jigifieri bhala regola ghal dak li jirrigwarda procedura, il-ligi li ghandha tapplika hija dik in vigore fi zmien il-proceduri, minkejja li fi zmien il-kommissjoni tar-reat il-proceduri setghu kienu regolati b'ligi differenti. Dan huwa applikabbli irrispettivament min  jekk il-ligi precedenti kenitx izjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.[2]"

Kwindi il-fatt li l-Ewwel Qorti ipprocediet minghajr ma segwiet il-procedura kif imfissra minnha stess fid-digriet taghha ma igibx necessarjament in-nullita tal-proceduri billi l-istess gew sanati bl-emendi introdotti permezz

[2] Il-Pulizija vs Joseph Grima App.Krim 2/05/1994

ta'l-Att VIII ta'l-2015 fejn allura ir-reati addebitati lill-imputat, illum appellanti, kienu jaqghu taht il-kompetena originali tal-Qorti tal-Magistrati.

Sorvolat ghalhekk dan l-ostakolu procedurali, li l-Qorti hasset li kellha tindirizza ghalkemm mhux sollevata minn ebda wahda mill-partijiet f'dan il-gudizzju, jifdal biex jigi meqjus it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti marbuta mal-preskrizzjoni tat-tielet akkuza kontravvenzjonali migjuba kontra tieghu. Illi mill-atti jirrizulta id-data ta'l-akkuza tirreferi ghal-31 ta' Ottubru 2013 u c-citazzjoni giet ipprezentata fid-29 ta' Novembru 2013, meta allura it-terminu ta' tlett xhur kien ghadu ma iddekorriex. Illi jirrizulta ukoll mill-atti illi l-ewwel smiegh tal-kawza kien fil-jum tal-4 ta' Frar 2014, f'liema jum il-kawzi kollha fuq il-lista ta'l-Ewwel Qorti, dak iz-zmien ippresjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli, gew differiti. Imbaghad fis-seduta ta' wara u cioe' dik tad-09 ta' Mejju 2014, l-imputat deher il-Qorti u imbaghad attenda ghas-seduti sussegwenti. Illi kien biss fis-seduta tal-05 ta' Awwissu 2014 illi id-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda wara dan il-Prosekuzjoni naqqset milli tressaq riferita tan-notifika sabiex tkun attakkata dina l-eccezzjoni. Kwindi fl-assenza tal-prova dwar in-notifika ta'l-akkuza lill-appellanti u fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel dehra ta'l-imputat fil-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu kien biss fid-data tad-09 ta' Mejju 2014, il-Qorti ma tistax hlief tqies din id-data bhala il-mument illi l-appellanti laqa' n-notifika tac-citazzjoni u ghalhekk ser tghaddi biex tilqa' it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti u tiddikjara it-tielet akkuza preskritta bid-dekors ta' tlett xhur a tenur ta'l-artikolu 668(f) tal-Kodici Kriminali.

Jifdal ghalhekk biex jigi ezaminat l-ahhar aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti, li din il-Qorti tistqarr illi qajla tista' tifhem u dan meta l-appellant isostni hekk:

"Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant gie misjub hazin fuq il-fatti tal-kaz u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell."

Illi x'aktarx illi l-appellanti hawnhekk qed jilmenta mill-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-fatti tal-kaz, izda din il-Qorti mhijiex mistennija toqghod tindaga hi x'inhuma l-ilmenti imressqa 'il quddiem mill-appellanti u x'kienu dawk il-motivi singolari li wassluh sabiex hassu aggravat bid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti. L-aggravvji ghandhom ikunu imfissra car fir-rikors ta'l-appell mhux biss sabiex il-kontro-parti tkun tista' tressaq l-argumenti taghha biex tilqa' ghalih, izda ukoll sabiex il-Qorti ta' revizjoni tkun tista' hija stess tifhem il-motivazzjonijiet singolari ghalfejn l-appellanti hassu aggravat mid-decizjoni impunjata.

Certament mhux mistenni illi din il-Qorti toqghod tixtarr hi minn jeddha f'liema parti ta'l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi hija kienet erronja u zbaljata fil-gudizzju milhuq minnha. Fuq kollox huwa principju ormai rassodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi Qorti fi grad ta' revizjoni "ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[3]"

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet preliminari, minn ezami akkurat maghmul tal-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, din il-Qorti tqies minghajr tlaqliq illi l-gudizzju ghaqli u studjat milhuq fid-decizjoni impunjata ma ghandux jigi iddisturbat. Dan ghaliex dan il-gudizzju intlahaq wara li l-Ewwel Qorti kellha okkazzjoni sahansitra tosserva il-komportament tal-appellanti u ta' martu fuq il-pedana tax-xhieda, liema xhieda kienet il-wahda konfliggenti ma'l-ohra u dan meta tghid:

---

[3] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

“ **Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda w rat il-komportament taghhom**”, haga li din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li tara u tixtarr u kwindi ikun ferm perikoluz illi hija titbieghed mill-fehma milhuqa fis-sentenza impunjata iktar u iktar meta il-kwistjoni dwar l-apprezzament tal-provi huwa fil-maggior parti tieghu ibbazat fuq il-kredibbilita ta' dak mistqarr mill-ko-litigandi. Dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi dak mistqarr minn Dorianne Sammut u cioe' illi, fir-rabbja li kellu l-appellanti waqt l-argument li insorga bejniethom huwa ta daqqa ta' ponn fuq il-vettura taghha, huwa ikorroborat minn kostatazzjoni oggettiva maghmula mill-espert tal-Qorti ta' din il-hsara kompatibbli ma' dak mistqarr mill-imsemmija Dorianne Sammut. Ghaldaqstant anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell interpost, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija ghall-ewwel akkuza, kif ukoll fejn l-appellanti gie illiberat mit-tieni akkuza u tikkonfermaha fir-rigward tal-piena inflitta, tirrevokaha fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghat-tielet akkuza u minflok wara li rat l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali tiddikjara din l-akkuza preskritta.

Edwina Grima

Imhallef